31998R1101

L 157/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.5.1998

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1101/98
## tal-25 ta' Mejju 1998
## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards tal-*marketing* tal-laħam tat-tjur

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1906/90 ([2]) jistabbilixxi ċerti standards tal-*marketing* tal-laħam tat-tjur;

Billi l-laħam tat-tjur qiegħed jiġi maħruġ għall-bejgħ fis-suq dejjem iżjed fil-għamla ta' qatgħat; billi l-kontroll għall-kontenut ta' l-ilma għandu għalhekk jiġi estiż għal ċerti qatgħat tal-laħam tat-tjur,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 huwa hawnhekk mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-perċentwali ta' l-assorbiment ta' l-ilma li ma jistgħux jiġu eliminati teknikament u li ma jistgħux jiġu esklużi waqt it-tħejjija tal-karkassi friski, iffriżati u ffriżati bil-ħeffa u tal-qatgħat minnhom kif ukoll il-metodi uniformi sabiex jivverifikaw il-konformità magħhom għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilità fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75".

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Mejju 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. CUNNINGHAM

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2916/95 (ĠU L 305, tad-19.12.1995, p. 49).
([2]) ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3204/93 (ĠU L 289, ta' l-24.11.1993, p. 3).